KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fit-3 ta' Settembru 2015 [1]

Kawża C-239/14

Abdoulaye Amadou Tall
vs
Centre public d'action sociale de Huy (CPAS ta' Huy)

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Liège (Diviżjoni ta' Huy) (il-Belġju)]

"Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Fruntieri,ażil u immigrazzjoni — Politika tal-immigrazzjoni — Applikazzjonijiet għall-ażil multipli — Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85/KE — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi — Ċaħda — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Rikors mhux sospensiv"

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tiġi adita mill-ġdid b'domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85/KE, [2] fil-kuntest ta' rikors kontra ċaħda ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil multipla, suġġett li dwaru ngħatat sentenza mill-Awla Manja fil-kawża Abdida [3] f'termini li kienu jipprovdu linji gwida sabiex tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju. Madankollu, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet emendata, b'effett retroattiv, sabiex tinkorpora r-rikorsi ippreżentati kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi bl-istess kundizzjonijiet bħar-rikorsi ppreżentati kontra ċ-ċaħda tal-ewwel applikazzjoni. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li din id-domanda preliminari saret definittivament mingħajr skop, u għaldaqstant, ma hemmx lok li tingħata risposta fuq il-mertu.

I – **Il-kuntest legali**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 2005/85

2. Skont il-premessa 15 tad-Direttiva 2005/85, "[m]eta sussegwentement applikant jagħmel applikazzjoni mingħajr ma jippreżenta provi jew argumenti ġodda, ikun sproporzjonat dak l-obbligu għall-Istati Membri li jridu jagħtu bidu mill-ġdid għal proċedura sħiħa ta' eżami. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla ta' proċedura li tinvolvi eċċezzjonijiet għall-garanziji li normalment ikun igawdi l-applikant."

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Direttiva tal-Kunsill, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 326, p. 13).

3 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, C-562/13, EU:C:2014:2453.

3. Fil-premessa 27 tal-istess direttiva huwa previst li "[i]kun jirrifletti prinċipju bażiku tal-liġi Komunitarja li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' applikazzjoni għall-ażil u fir-rigward ta' l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat ikunu suġġetti għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal fis-sens ta' l-Artikolu 234 tat-Trattat. L-effikaċja tar-rimedju, ukoll fir-rigward ta' l-eżami tal-fatti relevanti, tiddependi fuq is-sistema amministrattiva u ġudizzjarja ta' kull Stat Membru fit-totalità tagħha."

4. L-Artikolu 32 tad-Direttiva 2005/85 jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Fejn persuna li applikat għall-ażil fi Stat Membru tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri jew applikazzjoni sussegwenti fl-istess Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jeżamina dawn is-sottomissjonijiet ulterjuri jew l-elementi ta' l-applikazzjoni sussegwenti fil-kuntest ta' l-eżami ta' l-applikazzjoni preċedenti jew fil-kuntest ta' l-eżami tad-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi riveduta jew appellata safejn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu kont ta' u jikkunsidraw l-elementi kollha li fuqhom ikunu bażati s-sottomissjonijiet ulterjuri jew l-applikazzjoni sussegwenti f'dan il-kuntest.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw proċedura speċifika msemmija fil-paragrafu 3, fejn persuna tagħmel applikazzjoni sussegwenti għall-ażil:

a) wara li l-applikazzjoni preċedenti tiegħu kienet ġiet irtirata jew abbandunata taħt l-Artikoli 19 jew 20;

b) wara li ġiet meħuda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni preċedenti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw din il-proċedura biss wara li tkun ġiet meħuda deċiżjoni finali.

3. Applikazzjoni sussegwenti għall-ażil għandha tkun suġġetta l-ewwel għal eżami preliminari dwar jekk, wara li l-applikazzjoni preċedenti tkun ġiet irtirata jew wara li tkun intlaħqet id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu dwar din l-applikazzjoni, tfaċċawx jew ġewx preżentati mill-applikant elementi jew konklużjonijiet ġodda relatati ma' l-eżami jekk huwa jikkwalifikax jew le bħala rifuġjat taħt id-Direttiva 2004/83/KE.

4. Jekk, wara l-eżami preliminari msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jitfaċċaw jew jiġu preżentati mill-applikant elementi jew konklużjonijiet ġodda li jżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala rifuġjat taħt id-Direttiva 2004/83/KE, l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata ulterjorment skond il-Kapitolu II.

5. L-Istati Membri jistgħu, konformement mal-liġi nazzjonali, jeżaminaw ulterjorament applikazzjoni sussegwenti fejn ikun hemm raġunijiet oħra li jindikaw li għandha tiġi istitwita mill-ġdid xi proċedura.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżaminaw ulterjorament l-applikazzjoni biss jekk l-applikant konċernat kien, mingħajr ħtija tiegħu, inkapaċi li jiddikjara s-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu fil-proċedura preċedenti, partikolarment billi jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skond l-Artikolu 39.

[…]".

5. L-Artikolu 34(2) tad-Direttiva 2005/85 jipprevedi li "[l]-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli fil-liġi nazzjonali dwar l-eżami preliminari skond l-Artikolu 32", u jispeċifika li "[i]l-kondizzjonijiet ma għandhomx, fir-rigward tal-applikanti għall-ażil, jagħmlu impossibbli l-aċċess għal proċedura ġdida u ma għandhomx jirriżultaw fit-tneħħija effettiva jew f'limitazzjoni serja ta' dan l-aċċess."

6. L-Artikolu 39 tal-istess Direttiva jipprevedi li:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti għall-ażil ikollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra dawn li ġejjin:

[…]

iii) li ma jsirx eżami skond l-Artikolu 36;

c) deċiżjoni li ma jitkompliex l-eżami ta’ l-applikazzjoni sussegwenti skond l-Artikoli 32 u 34;

[…]

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu termini ta’ żmien u regoli meħtieġa oħra għall-applikant sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skond il-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun il-każ, jistabbilixxu regoli konformement ma’ l-obbligi internazzjonali tagħhom relatati ma’ dawn li ġejjin:

a) il-kwistjoni jekk ir-rimedju skond il-paragrafu 1 għandux ikollu l-effett li l-applikanti jkunu permessi jibqgħu fl-Istat Membru konċernat sa l-eżitu tiegħu;

b) il-possibbiltà ta’ rimedju legali jew ta’ miżuri protettivi fejn ir-rimedju skond il-paragrafu 1 ma jkollux l-effett li l-applikanti jkunu permessi jibqgħu fl-Istat Membru konċernat sa l-eżitu tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għal rimedju ex officio […]”.

2. Id-Direttiva 2013/32/KE [4]

7. L-Artikolu 41 tad-Direttiva 2013/32 jipprovdi dan li ġej:

“1. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni mid-dritt li jibqa’ fit-territorju fejn persuna:

a) tkun ippreżentat l-ewwel applikazzjoni sussegwenti, li ma tiġix eżaminata iktar f’konformità mal-Artikolu 40(5), sempliċiment sabiex jiddewwem jew jixxekkel l-infurzar ta’ deċiżjoni li twassal għat-tneħħija immedjata tiegħu/tagħha minn dak l-Istat Membru, jew

b) tippreżenta applikazzjoni oħra, sussegwenti, fl-istess Stat Membru, wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali li kkunsidrat l-ewwel applikazzjoni sussegwenti bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 40(5) jew wara [li] tkun ittieħdet deċiżjoni finali li rrifjutat dik l-applikazzjoni bħala bla bażi.

L-Istati Membri jistgħu jagħmlu eċċezzjoni bħal din, biss meta l-awtorità determinanti tqis li deċiżjoni ta’ ritorn mhijiex se twassal għar-refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta’ dak l-Istat Membru taħt il-liġi internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu wkoll:

[…]

c) jidderogaw mill-Artikolu 46(8).”

4 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180, p. 60).

8. L-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal, kontra dawn li ġejjin:

a) deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, inkluża deċiżjoni:

   i) li tikkunsidra applikazzjoni bħala bla bażi fir-rigward ta' status ta' rifuġjat u/jew status ta' protezzjoni sussidjarja,

   ii) li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 33(2),

   iii) meħuda fuq il-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu ta' Stat Membru kif deskritt fl-Artikolu 43(1),

   iv) li ma jsirx eżami f'konformità mal-Artikolu 39;

b) rifjut li l-eżami ta' applikazzjoni jinfetaħ mill-ġdid wara li tkun twaqqfet skont l-Artikoli 27 u 28;

c) deċiżjoni li tirtira l-protezzjoni internazzjonali taħt l-Artikolu 45.

[…]

3. Sabiex ikunu konformi mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li rimedju effettiv jipprovdi għal eżami sħiħ u *ex nunc* ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi, inkluż fejn applikabbli eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE, ta' mill-inqas fi proċeduri ta' appell quddiem qorti jew tribunal ta' prima istanza.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu limiti ta' żmien raġonevoli u regoli meħtieġa oħra għall-applikant sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1. Il-limiti ta' żmien ma għandhomx jagħmlu tali eżerċizzju impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

[…]

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikanti li jibqgħu fit-territorju tagħhom sakemm jiskadi ż-żmien li fih ikollhom id-dritt għal rimedju effettiv jew, meta tali dritt ġie eżerċitat fil-limitu ta' żmien, sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju.

6. Fil-każ li tittieħed deċiżjoni:

a) li tikkunsidra applikazzjoni bħala manifestament bla bażi taħt l-Artikolu 32(2) jew bla bażi wara eżami f'konformità mal- Artikolu 31(8) […];

b) li tikkunsidra applikazzjoni bħala inammissibbli taħt l-Artikolu 33(2)(a), (b) jew (d);

c) li tirrifjuta l-ftuħ mill-ġdid tal-każ tal-applikant wara li ma tkompliex taħt l-Artikolu 28; jew

d) li ma tiġix eżaminata jew ma tiġix eżaminata kompletament l-applikazzjoni taħt l-Artikolu 39,

qorti jew tribunal għandu jkollu s-setgħa li jiddeċiedi jekk l-applikant jistax jibqa' jew le fit-territorju tal-Istat Membru, jew fuq talba tal-applikant jew billi jiddeċiedi ex officio, jekk tali deċiżjoni tirriżulta fit-terminazzjoni tad-dritt tal-applikant li jibqa' fl-Istat Membru u fejn, f'każijiet bħal dawn, id-dritt ta' rimanenza fl-Istat Membru sa meta joħroġ ir-riżultat tar-rimedju ma tkunx prevista fil-liġi nazzjonali.

[…]

8. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-applikant jibqa' fit-territorju sa meta joħroġ ir-riżultat tal-proċedura kemm jekk l-applikant jista' jibqa' fit-territorju u kemm jekk le, kif stipulat fil-paragrafi 6 u 7.

[…]".

B – *Id-dritt nazzjonali*

9. L-Artikolu 6(1) tal-Liġi tat-12 ta' Jannar 2007, dwar l-akkoljenza tal-applikanti għall-ażil (iktar 'il quddiem, il-"Liġi dwar l-akkoljenza") jipprovdi li, "[b]la ħsara għall-Artikoli 4, 4/1 u 35/2 ta' din il-Liġi, għandha tingħata għajnuna materjali lil applikant għall-ażil minn meta l-applikazzjoni tiegħu tiġi ppreżentata u jkollha effett matul il-proċedura. Fil-każ li fi tmiem il-proċedura tal-ażil tittieħed deċiżjoni negattiva, l-għajnuna materjali għandha tintemm mal-iskadenza tat-terminu li fih għandha tiġi eżegwita l-ordni għat-tluq mit-territorju nazzjonali nnotifikata lill-applikant għall-żil [...]".

10. Skont l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar l-akkoljenza, "[l]-Aġenzija tista' tiddeċiedi li l-applikant għall-żil li jippreżenta t-tieni applikazzjoni għall-żil ma jistax jinvoka l-Artikolu 6(1) ta' din il-Liġi matul l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu, sakemm il-fajl ma jkunx ġie ttrasferit mill-Uffiċċju tal-Barranin lill-Kummissarjat Ġenerali tar-Refuġjati u Persuni Apolidi [...] u jkun hemm deċiżjoni mmotivata individwalment [...]".

11. L-Artikolu 57(2) tal-Liġi Bażika tat-8 ta' Lulju 1976 dwar iċ-ċentri pubbliċi ta' assistenza soċjali (iktar 'il quddiem, il-"Liġi dwar is-CPAS"), jipprovdi li, "[...] [m]inbarra l-għajnuna medika ta' emerġenza, l-għajnuna soċjali mogħtija lil persuna barranija li effettivament kienet tibbenefika minnha meta tkun innotifikata b'ordni ta' tluq mit-territorju għandha tintemm fil-jum li fih il-persuna barranija effettivament titlaq mit-territorju u, mhux iktar tard, mill-jum li fih jiskadi t-terminu stabbilit fl-ordni għat-tluq mit-territorju. [...]"

12. Skont l-Artikolu 39/1 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, dwar id-dħul fit-territorju, ir-residenza, l-istabbiliment u t-tkeċċija tal-barranin (iktar 'il quddiem, il-"Liġi tal-1980"), fil-verżjoni applikabbli għall-fatti inkwistjoni, flimkien mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 39/2(1), l-Artikolu 39/76, mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 39/82(4) u mal-Artikolu 57/6/2 tal-istess liġi, jistgħu biss jiġu ppreżentati rikorsi għal annullament u għal sospensjoni ta' urġenza estrema kontra ċaħda ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' applikazzjoni għall-żil multipla.

13. Skont il-Liġi tal-10 ta' April 2014 dwar diversi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-proċedura quddiem il-Bord tal-Kontenzjuż tal-Barranin u quddiem il-Conseil d'État (iktar 'il quddiem, il-"Liġi tal-2014"), ir-rikorsi kontra d-deċiżjonijiet ta' ċaħda tal-applikazzjonijiet għall-żil suċċessivi huma sospensivi u l-qorti adita jkollha ġurisdizzjoni sħiħa mid-dħul fis-seħħ tal-imsemmija liġi fil-31 ta' Mejju 2014. Skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Liġi tal-2014, is-sistema legali ġdida tapplika wkoll għal rikorsi ppreżentati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2014 li ma tkunx ittieħdet deċiżjoni finali fir-rigward tagħhom.

II – **Il-fatti**

14. Abdoulaye Amadou Tall, ċittadin Senegaliż, ippreżenta applikazzjoni għall-żil fil-Belġju, li ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Novembru 2013. Għaldaqstant, huwa ppreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Conseil d'État li ġie ddikjarat bħala inammissibbli permezz ta' sentenza tal-10 ta' Jannar 2014.

15. Fis-16 ta' Jannar 2014, A.A. Tall ippreżentata t-tieni applikazzjoni għall-ażil li ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2014 tal-Kummissarjat Ġenerali tar-Refuġjati u tal-Persuni Apolidi, u fl-10 ta' Frar 2014, A.A. Tall ingħata notifika ta' ordni biex jitlaq mit-territorju nazzjonali Belġjan.

16. A.A.Tall kien ilu jirċievi għajnuna soċjali mis-Centre Public d'Action Sociale ta' Huy (iktar 'il quddiem, "CPAS ta' Huy") mis-17 ta' Marzu 2011. Bħala konsegwenza taċ-ċaħda tat-tieni applikazzjoni għall-ażil, is-CPAS ta' Huy iddeċieda li jirtira l-għajnuna b'effett mill-10 ta' Jannar 2014.

17. A.A. Tall ippreżenta żewġ rikorsi. L-ewwel rikors, ippreżentat fid-19 ta' Frar 2014, kien intiż kontra ċ-ċaħda tat-tieni applikazzjoni għall-ażil tiegħu. It-tieni rikors, ippreżentat fis-27 ta' Frar 2014, kien intiż kontra d-deċiżjoni tas-CPAS ta' Huy, u permezz tiegħu huwa lmenta kontra t-trattament differenti ta' rikorsi ppreżentati kontra ċ-ċaħda għall-applikazzjoni għall-ażil abbażi ta' jekk kinitx l-ewwel applikazzjoni jew inkella applikazzjoni sussegwenti u argumenta li f'dan it-tieni każ ma kienx hemm rimedju ġudizzjarju effettiv.

18. Ir-rikors intiż kontra d-deċiżjoni tas-CPAS ta' Huy intlaqa' mit-Tribunal du travail ta' Liège (division Huy) (Qorti tax-Xogħol, Liège (Sezzjoni Huy)), f'data mhux speċifikata, abbażi tal-fatt li l-irtirar tal-għajnuna soċjali seta' jseħħ biss wara l-iskadenza tal-perijodu tat-tluq volontarju mogħti fl-ordni tat-tluq mit-territorju nazzjonali. Għaldaqstant, is-CPAS ta' Huy ġie kkundannat iħallas lill-A.A. Tall l-għajnuna soċjali għall-perijodu bejn l-10 ta' Jannar 2014 u s-17 ta' Frar 2014.

19. Fir-rigward tal-għajnuna soċjali wara t-18 ta' Frar 2014, it-Tribunal du travail iqis li, fid-dawl tad-deċiżjoni ta' inammissibbiltà tat-tieni applikazzjoni tiegħu, A.A. Tall jista' biss jippreżenta rikors għal annullament u għandu l-possibbiltà li jitlob miżuri ta' sospensjoni ta' urġenza estrema, rimedji li ma humiex biżżejjed sabiex jiggarantixxu d-dritt għal rimedju effettiv, peress li, matul dawk il-mori tal-proċeduri legali, huwa la għandu dritt għal residenza u lanqas dritt għal għajnuna materjali.

III – **Id-domanda preliminari**

20. F'dan il-kuntest, it-Tribunal du travail ressaq id-domanda preliminari li ġejja:

"Skont l-Artikolu 39/1 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-aċċess għat-territorju, ir-residenza, l-istabbiliment u t-tkeċċija tal-barranin, moqri flimkien mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 39/2(1), mal-Artikolu 39/76, mas-subparagrafu 2, d tal-Artikolu 39/82(4), u mal-Artikolu 57/6/2 tal-istess liġi, huma biss rikorsi għal annullament u għal sospensjoni ta' urġenza estrema li jistgħu jiġu ppreżentati kontra rifjut ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' applikazzjoni għall-ażil multipla. Sa fejn f'dan il-każ la hemm rikors ta' ġurisdizzjoni sħiħa, u lanqas rikorsi sospensivi, u sa fejn l-applikant la għandu dritt għal residenza u lanqas għal għajnuna materjali matul l-eżami tagħhom, dawn ir-rikorsi huma kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat […], li jipprevedu d-dritt għal rimedju effettiv?"

21. Il-qorti tar-rinviju tqis li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għal dan il-każ, b'effett mit-18 ta' Frar 2014, A.A. Tall ma setax jibqa' jibbenefika mill-għajnuna materjali li kien intitolat għaliha preċedentement bħala applikant għall-ażil. Dan ir-riżultat huwa wieħed mill-effetti tar-rikorsi ppreżentati kontra ċ-ċaħdiet tat-tieni applikazzjoni għall-ażil, li huma differenti fuq dan il-punt mir-rikorsi ppreżentati kontra ċaħdiet tal-ewwel applikazzjoni għall-ażil, li jista' jfisser li l-persuni li jikkontestaw iċ-ċaħdiet ta' applikazzjonijiet suċċessivi jistgħu jkunu suġġetti għal trattament diskriminatorju meta mqabbla mal-persuni li jikkontestaw iċ-ċaħda tal-ewwel applikazzjoni u, barra minn hekk, jistgħu jġarrbu ksur tad-dritt tagħhom għal rimedju effettiv, peress li huma jiċċaħħdu mid-dritt għal residenza u għall-għajnuna materjali meħtieġ sabiex isir tali rikors.

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

22. Fil-proċedura pparteċipaw A.A. Tall, is-CPAS ta' Huy, l-Agence Fédérale pour l'Accueil des Demandeurs d'Asile (iktar 'il quddiem, "Fedasil"), il-Gvern Belġjan, il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni. Minbarra l-Gvern Ungeriż u s-CPAS ta' Huy, dawn ippartecipaw kollha fis-seduta pubblika li nżammet fis-6 ta' Mejju 2015 u li fiha ġew mistiedna mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-effetti possibbli tal-kawża Abdida [5] għar-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

V – **L-argumenti**

23. A.A. Tall isostni li r-rimedju disponibbli skont id-dritt Belġjan kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi ma joffrix il-garanziji ta' effettività meħtieġa skont l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85, jiġifieri: effett ta' sospensjoni, ġurisdizzjoni sħiħa u aċċessibbiltà prattika.

24. Dan ġie kkonstatat mill-Qorti Kostituzzjonali Belġjana fis-sentenza Nru 1/2014, tas-16 ta' Jannar 2014, li wasslet lil-leġiżlatur nazzjonali jadotta l-Liġi tal-2014, li b'effett mill-31 ta' Mejju 2014, tipprovdi li r-rikorsi ppreżentati kontra ċ-ċaħdiet ta' applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi huma sospensivi u ta' ġurisdizzjoni sħiħa.

25. Fir-rigward tal-ġurisprudenza stabbilita fl-kawża Abdida, A.A. Tall jirrispondi għad-domanda fl-affermattiv, billi jsostni li, skont din il-ġurisprudenza, kemm il-leġiżlazzjoni qabel il-Liġi tal-2014 kif ukoll il-Liġi tal-2014 stess ma humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

26. Is-CPAS ta' Huy tqis li l-Liġi tal-2014 iċċaħħad id-domanda preliminari mill-iskop tagħha, peress li, skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji tagħha, is-sistema ġdida tapplika wkoll għar-rikorsi li, bħal dak ta' A.A. Tall, ġew ippreżentati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi u ma kinux suġġetti għal deċiżjoni finali.

27. Kemm Fedasil kif ukoll il-Gvern Belġjan jaqblu mas-CPAS ta' Huy, li jsostni li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-talba għal domanda preliminari għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli. Barra minn hekk, dan il-Gvern indika li, fl-4 ta' Lulju 2014, A.A. Tall ġie mistieden jippreżenta rikors ġdid, li kellu jiġi pproċessat skont il-Liġi tal-2014, filwaqt li ġie informat li, fi kwalunkwe każ, jekk ma jippreżentax rikors ieħor, ir-rikors pendenti kien ser jiġi eżaminat skont il-Liġi 2014.

28. Fir-rigward tal-ġurisprudenza stabbilita fil-kawża Abdida, il-Gvern Belġjan isostni li ma jistax ikollha effett fil-kawża inkwistjoni, peress li dik il-kawża ma kinitx tikkonċerna d-Direttiva 2005/85, iżda d-Direttiva msejħa d-Direttiva "ta' ritorn" [6], u għalhekk A.A. Tall kien u għadu applikant għall-ażil.

29. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Ungeriż isostni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fehma tiegħu, il-karatteristiċi tar-rikors inkwistjoni ma jċaħħdux lill-A.A.Tall minn rimedju effettiv, filwaqt li għandu jiġi osservat li, kif ġie ddikjarat fil-kawża Samba Diouf [7], il-proċeduri stabbiliti mid-Direttiva 2005/85 jikkostitwixxu standards minimi u l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali sabiex jimplementawhom skont il-karatteristiċi tad-dritt nazzjonali.

5 — C-562/13, EU:C:2014:2453.

6 — Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

7 — Kawża C-69/10, EU:C:2011:524.

30. Il-Gvern Ungeriż, isostni, barra minn hekk, li d-Direttiva 2013/32 tinkludi dispożizzjonijiet iktar speċifiċi dwar id-dritt għal rimedju effettiv kontra applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi, filwaqt li tistabbilixxi regoli li, fl-opinjoni tal-Gvern Ungeriż, jikkonfermaw in-natura speċjali tal-applikazzjonijiet suċċessivi fir-rigward tas-sistema tar-rikorsi, meta mqabbla ma' applikazzjonijiet inizjali.

31. Sussidjarjament, il-Kummissjoni tirreferi għall-kwistjoni tal-mertu filwaqt li ssostni li, fil-fehma tagħha, il-ġurisprudenza stabbilita fil-paragrafu 61 tas-sentenza Samba Diouf[8] hija kompletament applikabbli għall-każ ta' eżaminazzjoni preliminari ta' applikazzjoni suċċessiva u tad-deċiżjoni ta' ċaħda tagħha għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 32(3) u (4) tad-Direttiva 2005/85. Għall-Kummissjoni, l-effettività tal-proċedura tar-rikors teħtieġ li l-qorti nazzjonali tkun tista' tikkontrolla l-legalità – tal-fatti u tal-liġi – tad-deċiżjoni, billi tivverifika l-validità tar-raġunijiet tal-motivi li wasslu lill-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-applikazzjoni hija infondata jew abbużiva.

32. Il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, filwaqt li tirrikonoxxi d-differenzi li jeżistu bejn is-sitwazzjoni ta' M. Abdida u dawk ta' A.A. Tall, tqis li l-prinċipji applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja għas-soluzzjoni ta' din il-kawża jistgħu jiġu applikati għad-deċiżjoni ta' din il-kawża wkoll.

33. Fir-rigward tal-effett sospensiv tar-rikors, il-Kummissjoni tallega li l-Artikolu 39(3)(a) u (b) tad-Direttiva 2005/85 jagħti lill-Istati Membri r-responsabbiltà li jiddefinixxu r-regoli b'mod konformi mal-obbligi internazzjonali tagħhom u jagħtihom il-possibbiltà li jiddeċiedu jekk rikors ippreżentat kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni suċċessiva għandux effett sospensiv awtomatiku. Għall-Kummissjoni, in-natura mhux awtomatika tas-sospensjoni hija ġġustifikata mill-fatt li l-applikant diġà bbenefika minn eżaminazzjoni sħiħa tal-ewwel applikazzjoni għall-ażil tiegħu fil-kuntest ta' proċedura normali u mir-rimedji kollha kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tagħha. L-applikazzjonijiet suċċessivi ppermettewlu biss jippreżenta informazzjoni jew data rilevanti li huwa ma setax jipprovdi fl-ewwel applikazzjoni.

34. Madankollu, id-diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta u tal-prinċipji tal-ġurisprudenza. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem enfasizzat diversi drabi li, sabiex ikun effettiv, rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' tkeċċija f'każijiet ta' riskju ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) għandu, fil-prinċipju, ikun sospensiv, filwaqt li tammetti li, f'ċerti ċirkustanzi s-sospensjoni ma hijiex awtomatika, jiġifieri, mhux imposta mil-liġi iżda deċiża mill-qorti kompetenti. Skont il-Kummissjoni, din il-ġurisprudenza hija inkorporata fl-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32, li jipproponi li l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85 jiġi interpretat b'mod konformi ma' din id-dispożizzjoni, b'tali mod li jiġi konkluż li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li r-rikors ippreżentat kontra ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għall-ażil suċċessiva ma jkollux effett sospensiv, bil-kundizzjoni li dan ma jinvolvix riskju ta' tkeċċija, liema ċirkustanza għandha tiġi mistħarrġa minn qorti fuq talba tal-persuna kkonċernata jew *ex officio*, u l-persuna għandha tkun awtorizzata tibqa' fit-territorju sakemm tintemm il-proċedura.

VI – **Evalwazzjoni**

35. Kemm is-CPAS ta' Huy u l-Fedasil kif ukoll il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni jqisu li r-riforma tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li seħħet wara li tressqet it-talba għal domanda preliminari ċaħħditha mill-iskop tagħha. Fil-fehma tagħhom, id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2014 wasslet għall-invalidità tal-iskop tad-domanda magħmula peress li, bħala riżultat tar-riforma ta' din il-liġi, ir-rikorsi ppreżentati kontra ċ-ċaħdiet ta' applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi issa għandhom effett sospensiv, li jimplika li l-għajnuna materjali tibqa' tingħata matul il-perijodu li fih dawn ir-rikorsi jkunu qegħdin jiġu eżaminati. Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Liġi tal-2014, is-sistema l-ġdida hija applikabbli għar-rikorsi li jkunu pendenti meta din il-liġi tidħol fis-seħħ. Fil-fatt, u skont

8 — Kawża C-69/10, EU:C:2011:524.

kif spjega l-Gvern Belġjan, A.A. Tall ingħata l-possibbiltà li jippreżenta rikors ġdid wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2014, u ġie infurmat li, fin-nuqqas ta' preżentata ta' rikors ġdid, fi kwalunkwe każ, ir-rikors li kien ippreżenta qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi u li kien għadu pendenti, kien ser jiġi eżaminat taħt is-sistema l-ġdida.

36. Il-qorti tar-rinviju ntalbet mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex fi żmien xieraq tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar il-konsegwenzi tal-leġiżlazzjoni l-ġdida fuq il-kawża li kienet tressqet quddiemha. Fid-19 ta' Jannar 2015, it-Tribunal du travail wieġeb li l-kawża kienet għadha pendenti fir-rigward tal-perijodu bejn it-18 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Mejju 2014 u kkonferma t-talba għal domanda preliminari tiegħu [9].

37. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li, il-"proċedura għal deċiżjoni preliminari tassumi li kawża hija effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħhom hija mistennija li tagħti deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza [għad]-deċiżjoni preliminari" [10].

38. Huwa paċifiku li, "fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn [il-Qorti tal-Ġustizzja] u l-qrati nazzjonali skont l-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja" [11].

39. Minkejja dak li għadu kif ntqal, huwa minnu wkoll li f'din il-kawża huwa diffiċli ħafna li ma jkunx hemm qbil mal-opinjoni tas-CPAS ta' Huy, ta' Fedasil, tal-Gvern Belġjan u tal-Kummissjoni, fis-sens li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju saret ipotetika, peress li A.A. Tall issa għandu dritt għal rikors li għandu l-karatteristiċi li huwa sostna li kellu jkollu rikors li ġie ppreżentat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2014, jiġifieri, effett ta' sospensjoni, ġurisdizzjoni sħiħa u l-effettività teigħu hija dovuta għall-possibbiltà ta' aċċess għal għajnuna materjali waqt l-eżaminazzjoni tiegħu.

40. Fil-fatt, skont ir-riforma mwettqa permezz tal-Liġi tal-2014, ir-rikorsi ppreżentati kontra ċ-ċaħdiet tal-applikazzjonijiet għall-ażil suċċessivi huma issa, mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, fil-31 ta' Mejju 2014, deċiżi minn qorti b'ġurisdizzjoni sħiħa u għandhom effetti sospensivi, filwaqt li r-rikorrenti jibbenefikaw minn għajnuna materjali matul il-proċedura. Din is-sistema ġdida ma tapplikax biss għar-rikorsi ppreżentati mill-31 ta' Mejju 2014, iżda wkoll, skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-istess Liġi tal-2014, għar-rikorsi li jiġu eżaminati f'din id-data fir-rigward tal-leġiżlazzjoni preċedenti.

41. Konsegwentement, id-domanda magħmula mit-Tribunal du travail, dwar jekk is-sistema legali applikabbli qabel il-Liġi tal-2014 hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, saret kompletament irrilevanti peress li din is-sistema ma tistax tibqa' tiġi applikata fil-proċedura prinċipali. Ir-rikors ippreżentat minn A.A. Tall, li fir-rigward tiegħu d-deċiżjoni għandha pendenti, għandu, skont il-Liġi tal-2014, jiġi eżaminat bħala rikors li fiha l-qorti adita jkollha ġurisdizzjoni sħiħa u li għandu effett sospensiv, peress li A.A. Tall, fejn applikabbli, huwa intitolat għall-għajnuna materjali xierqa matul il-perijodu li fih ikun qiegħed jiġi eżaminat ir-rikors tiegħu.

9 — Ir-risposta tal-qorti tar-rinviju kienet imfassla kif ġej:
"Il-kawża għadha pendenti quddiem it-Tribunal du travail de Liège — Sezzjoni ta' HUY, fir-rigward tal-perijodu bejn it-18 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Mejju 2014, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-10 ta' April 2014. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 ġie deċiż li l-kawża tiġi rrinvjata mal-lista ta' kawżi pendenti, sakemm tingħata deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea."

10 — Kawża Di Donna, C-492/11, EU:C:2013:428, punt 26, b'riferiment għas-sentenza tal-kawża García Blanco, C-225/02, EU:C:2005:34, punt 27, u l-ġurisprudenza msemmija.

11 — Di Donna, C-492/11, EU:C:2013:428, punt 24.

42. Ċertament huwa minnu li, minkejja dan, it-Tribunal du travail jenfasizza li d-domanda hija rilevanti. Madankollu, huwa ma jagħti ebda raġuni għal dan, u sempliċement jiddikjara li l-kawża għadha pendenti "fir-rigward tal-perijodu bejn it-18 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Mejju 2014, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-10 ta' April 2014" u li ddeċieda li jistenna "sakemm tingħata deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea."

43. Sabiex jiġu identifikati aħjar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju, jista' forsi jiġi kkunsidrat il-fatt li A.A. Tall ġie miċħud, f'dak iż-żmien, mill-għajnuna materjali matul il-perijodu bejn it-18 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Mejju 2014, jiġifieri, matul perijodu ta' żmien qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2014, u għalhekk ir-retroattività tal-Liġi tal-2014 ma tistax tiġi estiża għall-għoti ta' din l-għajnuna għal dawk li kienu ppreżentaw rikors skont is-sistema legali fis-seħħ sal-31 ta' Mejju 2014.

44. Fi kliem ieħor, filwaqt li ma hemm ebda dubju li r-rikors ippreżentat minn A.A. Tall qiegħed jiġi eżaminat mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-2014 skont ir-regoli l-ġodda, inkluża l-possibbiltà li tinkiseb għajnuna materjali mill-31 ta' Mejju 2014, ma huwiex daqshekk ċar jekk, skont il-liġi l-ġdida, A.A. Tall għandux dritt jitlob ukoll l-għajnuna li ma kienx irċieva taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti. Li kieku dan kien il-każ, id-domanda dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni qabel il-Liġi tal-2014 mad-dritt tal-Unjoni tkun rilevanti, peress li, jekk jiġi kkonstatat li ma hijiex kompatibbli, huwa possibbli li A.A. Tall għalhekk ikollu dritt għall-għajnuna li ġiet miċħuda matul il-perijodu inkwistjoni, skont din il-leġiżlazzjoni.

45. Madankollu, mill-informazzjoni ppreżentata mill-partijiet waqt is-seduta jirriżulta b'mod ċar li l-Liġi tal-2014 hija applikabbli b'mod retroattiv għall-finijiet kollha; jiġifieri, tapplika wkoll fir-rigward tal-kwistjoni tal-għajnuna materjali, b'tali mod li, mid-dħul fis-seħħ tagħha, A.A. Tall mhux biss huwa intitolat jippreżenta rikors fejn il-qorti adita għandha ġurisdizzjoni sħiħa u li għandu sospensiv, iżda għandu dritt għall-għajnuna li, jekk applikabbli, seta' kien intitolat għaliha matul il-perijodu bejn it-18 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Mejju 2014.

46. Dan huwa fil-fatt dak li jirriżulta mill-informazzjoni pprovduta mill-Fedasil matul l-intervent tagħha waqt is-seduta, li ġiet ikkonfermata mill-Gvern Belġjan. Mid-diskussjoni li saret fuq il-kwistjoni bejn il-partijiet, jirriżulta li, fl-aħħar mill-aħħar, il-problema ma hijiex dwar jekk ir-retroattività tal-Liġi tal-2014 testendix ukoll għall-għajnuna materjali – li rigward ta' dan ma sar ebda *a contrario* –, iżda pjuttost dwar il-kalkolu tal-ammont tal-għajnuna materjali li ma ngħatatx matul il-perijodu inkwistjoni u li A.A. Tall issa għandu dritt għaliha taħt il-leġiżlazzjoni l-ġdida. Il-problema fl-aħħar mill-aħħar tikkonċerna d-determinazzjoni tal-komponent tal-għajnuna materjali li, min-natura tagħha stess, dak iż-żmien ma setgħetx tiġi rkuprata *in natura*, iżda biss b'ekwivalenza, u għalhekk huwa meħtieġ kalkolu fejn jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' A.A. Tall, aspett li għandu jiġi kkunsidrat u deċiż mill-qorti tar-rinviju.

47. A.A. Tall huwa l-unika wieħed mill-partijiet li ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, u sostna matul is-seduta, minn naħa, li l-effett sospensiv tar-rikors introdott mil-Liġi tal-2014 ma għandux effett retroattiv, u, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar l-akkoljenza jibqa' applikabbli, li jipprovdi li l-awtoritajiet jistgħu jeskludu kwalunkwe għajnuna lill-applikanti li jippreżentaw it-tieni applikazzjoni għall-ażil. Madankollu, kollox jindika li s-sistema l-ġdida wasslet għat-tneħħija, fl-aspetti kollha, tad-differenzi li kienu jeżistu preċedentement bejn dawk li ppreżentaw l-ewwel applikazzjoni għall-ażil u dawk li ppreżentaw applikazzjonijiet suċċessivi, kemm rigward tan-natura sospensiva tar-rikors kif ukoll fir-rigward tad-dritt li jirċievu għajnuna.

48. Din il-konklużjoni, li hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-partijiet waqt is-seduta u mid-dibattitu sussegwenti, hija kkorroborata wkoll mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali Belġjana fis-7 ta' Mejju 2015, fejn jiġi ddikjarat li d-differenza fit-trattament bejn iż-żewġ kategoriji ta' applikanti għall-ażil ġiet eliminata permezz tal-Liġi tal-2014.

49. Fl-aħħar nett, jekk, kif kollox jindika, ir-retroattività tal-Liġi tal-2014 tapplika wkoll għall-għajnuna li ma ngħatatx matul il-perijodu inkwistjoni, huwa ċar, fil-fehma tiegħi, li d-domanda magħmula mit-Tribunal du travail ma għadx għandha skop peress li tikkonċerna leġiżlazzjoni nazzjonali li ma għadhiex applikabbli, fl-intier tagħha, għas-sitwazzjoni ta' A.A. Tall, li sa mill-31 ta' Mejju 2014 ippreżenta rikors li l-karatteristiċi tiegħu, skont l-opinjoni tat-Tribunal du travail, huma konformi ma' dawk mitluba mid-Direttiva 2005/85 u mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

50. Barra minn hekk, huwa ċar li d-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju ma tistax testendi l-għan tagħha sabiex tinkludi wkoll il-Liġi tal-2014. Dan jidher li huwa l-ħsieb ta' A.A. Tall li, waqt is-seduta, ikkritika din il-liġi u ddikjara li s-sistema legali l-ġdida wkoll ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Approċċ bħal dan huwa, ċertament, kompletament inaċċettabbli, minħabba li d-domanda għandha tikkonforma mat-termini stretti li saru mit-Tribunal du travail, li b'ebda mod ma kkontestat il-Liġi tal-2014.

51. Konsegwentement, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li d-domanda preliminari magħmula ma għadx għandha skop, u għaldaqstant li ma hemmx lok li tingħata risposta fuq il-mertu.

VII – **Konklużjoni**

52. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara din id-domanda preliminari bħala inammissibbli minħabba li ma għadx għandha skop.